MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 198/2009

**Illum 15 ta' Dicembru 2009**

Rikors Guramentat Nru.  198 / 09NC

Kawza fil-lista:  19

**A B
vs
C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti f' din il-kawza zzewgu nhar is-sittax (16) ta' Mejju, 1998 (Dok DD1);

2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontedenti thassar irrevokabbilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, abbandun, vjolenza u hajja luzingjera da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru ta' bejn il-kontedenti;

3. Illi miz-zwieg twieldu tliet ulied u cioe' Kimberley li ghandha l-eta' ta' ghaxar snin, Christian ta' ghaxar snin u Shawn Michael li ghandu disa' snin;

4. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata halli wara l-process ta' medjazzjoni hi tipprocedi permezz ta' din il-kawza ghal separazzjoni personali minn ma' zewgha (Dok. DD2);

Ghaldaqstant l-attrici, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja assoluta tat-tfal minuri hawn fuq imsemmiija lill-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tfal minuri taghha;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonjiet ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn ma' l-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati

l-effetti kollha ta’ l-imsemmi artikolu fil-konfront ta’ l-istess konvenut;

6. Tiddikjara li l-attrici irrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe ‘Meilak’;

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attrici m’ ghandha tbati l-ebda forma ta’ spejjez billi l-firda ma kinitx it-tort taghha izda tort unikament tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-istess konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament notifikat, ghazel li jibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha, il-konvenut, stante li z-zwieg ta’ bejniethom thassar irrevokabbilment ghar-ragunijiet indikati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi rrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewgu fis-16 Mejju 1998, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, Kimberly u Christian li ghandhom 10 snin, u Shaun Michael li ghandu 9 snin.

Illi matul iz-zwieg il-konvenut dahal f’ loan mal-HSBC biex ikabbar in-negozju, izda eventwalment dana ma riedx ikompli jahdem, b’ hekk spicca biex falla n-negozju. Fil-frattemp il-pagamenti tal-loan baqghu jithallsu mill-attrici biss, ghalkemm mill-flus tal-komunjoni. Minn naha tieghu l-konvenut spicca jirregistra ghax-xoghol u qed jiehu beneficju socjali fl-ammont ta’ LM45 fil-gimgha.

Eventwalment huwa telaq mid-dar konjugali wara ncident ma’ l-attrici, u naqas milli jhallas manteniment ghal uliedu.

L-attrici tispjega li, hekk kif in-negozju beda jmur hazin, ir-relazzjoni matrimonjali bejniethom marret lura, peress li l-konvenut kien jezercita vjolenza morali u, anke fizika, fuq l-attrici, u kien jgib ruhu b’ mod abuziv fil-konfront ta’ uliedu, li llum il-gurnata ser jaqhlaq circa erba’ snin ma jarahom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-provi huma fis-sens li l-attrici kienet vittma kostanti ta’ ‘sevizzi’ da parti ta’ zewgha, konsistenti fi vjolenza psikologika u morali fil-konfront taghha, u li dan il-komportament abuziv da parti tieghu rrenda nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali bi htija tal-konvenut.

**Kura u Kustodja**
Illi tenut kont tal-fatt li l-attrici ilha tiehu hsieb it-tfal minuri minn mindu twieldu, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut ilu zmien twil ma jaghmel kuntatt maghhom, l-interessi tat-tlett minuri jiddettaw li l-kura u kustodja taghhom tigi fdata esklussivament f’ idejn ommhom l-attrici ; bid-dritt ta’ access favur il-missier, li l-modalita’ tieghu jigi fissat fuq rikors ad hoc da parti ta’ l-istess konvenut.

Il-Qorti tordna li dan l-aspett tal-kawza jigi regolat kif fuq indikat.

**Manteniment**
Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici qed tirrinunzja ghat-talba taghha ghall-hlas ta’ manteniment ghaliha, izda qed issostni t-talba ghall-manteniment rigwardanti t-tlett ulied minuri.

L-attrici tispjega li sa fejn taf hi l-konvenut m’ ghadux jahdem u qed jircevi l-beneficju socjali, kif fuq indikat.

Il-Qorti, tenut kont tal-konsiderazzjoni li l-obbligu tal-genitur li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ uliedu, huwa wiehed assolut, tordna li l-konvenut jhallas manteniment ghat-tlett uliedu minuri percentagg ta’

erbghin fil-mija [40%] ta' kull ammont ta' beneficju li hu jiehu minghand l-istat, u li dan ghandu jigi dedott mill-beneficju tieghu direttament, u jintbaghat direttament lill-attrici mid-dipartiment koncernat.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi fil-komunjoni hemm biss passiv, u cioe' l-loan li ghadha qed tithallas lill-Bank.

In propozitu l-Qorti tordna li, l-kumplament tal-loan jithallas kollhu mill-konvenut, u dana wkoll ghas-saldu tal-kreditu dovut minnu lill-attrici rapprezentanti nofs il-pagamenti maghmula minnha ghan-nom tal-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi :
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussiva tal-konvenut ;
[2] tilqa' t-tieni talba, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja' ;
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament, u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment' ;
[4] tilqa' ir-raba' talba billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni taghha skond kif fuq stabbilit fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' ;
[5] tilqa' il-hames talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48 Kap.16 fl-intier tieghu ;
[6] tilqa' is-sitt talba, u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Meilak'

L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------